# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 455/2008 SM**

**Alexis Sciberras**
**(I.D. 698160 M)**

**vs.**

**Direttur tal-Kuntratti**
**Direttur Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani**
**Welfare Committee fi hdan id-Dipartiment tal-Anzjani**
**Avukat Generali**

**u**

**b'digriet datat iz-17 ta' Novembru, 2009, gie kjamat in kawza l-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi rebhet it-*tender* numru CT 359/2005 li jgib l-isem *"Tender for the supply of incontinence bedpads, incontinence pads and disposal adult nappies to the* "*Welfare Committee*" *(Case No.119)"*, (ara foll 7);

1.2. Illi t-*"tender"* indikat fil-paragrafu precedenti hu l-avviz li johrog l-intimat Direttur tal-Kuntratti fin-*"notice board"* tad-Dipartiment tieghu;

1.3. Illi l-istess *"tender"* hu maghruf bhala *"3 – tier tender" stante* li jkollu tliet (3) pakketti, senjatament:

1.3.1. Envelopp No. 1 immarkat *"Bid Bond"*;

1.3.2. Envelopp No.2 immarkat *"Documentation"*; u

1.3.3. Envelopp No.3 immarkat *"Priced Bill of Quantities"*, (ara foll 8);

1.4. Illi ghalhekk il-procedura tat-*"tender"* titmexxa ai termini tar-regolament numru 82 tal-Avviz Legali 177 tal-2005 kif emendat li:

1.4.1. L-ewwel jinfetahlu l-"envelopes" kontenenti il-*"bid bonds"*; u

1.4.2. Sussegwentement jinfethu l-*"envelopes"* kontenenti d-dokumentazzjoni relattiva;

1.5. Illi fil-kaz in dizamina fil-25 t'April, 2007, infethu l-*"envelopes"* indikati fil-paragrafu precedenti mill-intimat Direttur tal-Kuntratti u ppubblika l-istess kif dovut fin-*"notice board" de quo*;

1.6. Illi fl-istess publikazzjoni gie espressament indikat li jekk ma kienx ha jkun hemm appell fir-rigward sat-2 ta' Mejju,

2007, minn tali decizjoni skont l-imsemmi regolament 82 fuq riferit, kien ser jghaddi biex fit-3 ta' Mejju, 2007, kien ser jiftah it-tielet (3) envelopp, senjatament dawk rigwardanti il-"priced bill of quantities", (ara foll 36);

1.7. Illi l-istess intimat Direttur tal-Kuntratti informa lir-rikorrenti li t-*"tender"* minnha sottomess kien meqjus konformi mal-ispecifikazzjonijiet tat-"tender" u li sakemm ma kien ha jkun hemm l-ebda appell fir-rigward, it-tielet (3) envelopp kien ser jinfetah kif programmat fid-data indikata, (ara foll 37);

1.8. Illi minkejja li l-partecipanti kollha fit-*"tender"* in dizamina kienu jafu bid-dokumenti esebiti ghaliex ir-rapport fuq l-istess ikun ippubblikat fin-*"notice board"* tad-Dipartiment *de quo*, hadd mill-istess partecipanti m'appella mid-decizjoni tad-Dipartiment fir-rigward;

1.9. Illi konsegwentement id-Direttur de quo ghadda ghat-tielet (3) fazi tal-process, senjatament li jiftah it-tielet (3) envelopp rigwardanti l-proposti finanzjarji, u dan, fil-gurnata u hin precedentement indikat, (ara foll 36);

1.10. Illi jirrizulta li fl-20 ta' Gunju, 2007 ir-rikorrenti rebhet it-*"tender"*, (ara foll 7);

1.11. Eventwalment kien intavolat appell fil-konfront tal-istess decizjoni, li kien deciz fis-7 ta' Marzu, 2008, (ara foll 38);

1.12. Illi waqt is-smigh tal-appell *de quo* quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Kuntratti, l-appellanti allegaw li r-rikorrenti odjerna kienet naqset milli tipproduci l-letteratura teknika u konsegwentement, kellha tigi skwalifikata mill-process tat-*"tender"*, (ara foll 48);

1.13. Illi fl-istess appell ir-rikorrenti odjerna kienet irrispondiet li l-lanjanza hemm riprodotta kellha tinghata fl-istadju precedenti ghal meta ttiehdet id-decizjoni finali, u dan, *ai termini* tar-regolament 82(4) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, (ara foll 2 u foll 54);

1.14. Illi skont Gino Pavia, *"Chairman"* tal-Kumitat Evalwattiv, (ara foll 38), l-istess kumitat kien tal-opinjoni li kellu

bizzejjed informazzjoni teknika fir-rigward, u konsegwentement, id-Direttur tal-Kuntratti kien korrett meta ghadda biex jiftah l-ahhar envelopp biex b'hekk setghet issir l-aggudikazzjoni finali;

1.15. Illi ghalkemm l-appell in dizamina, ma kienx sar fit-terminu preskritt mir-regolament 82(4) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, il-Bord *de quo* risponsabbli mill-imsemmi appell xorta ddecieda li jilqa' l-istess appell, u dan, bid-decizjoni tieghu tas-7 ta' Marzu, 2008, (ara foll 39 *et sequitur* u specifikament foll 52);

1.16. Illi in vista tad-decizjoni in appell, ir-rikorrenti kienet informata li t-*"tender"* in dizamina kien ghalhekk minflok ser jinghata lil terzi;

1.17. Illi din id-decizjoni hi bi ksur lampanti tar-regolament 82(4) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, *stante* li l-Bord responsabbli fuq indikat kien legalment skorrett meta cahad l-argumenti tar-rikorrenti odjerna hemm appellata biex minflok laqgha l-appell hekk intavolat fuq aggravju li setgha jitqajjem biss meta gew ippubblikati l-ewwel zewg (2) *"envelopes"* tat-*"tender"*;

1.18. Illi fil-15 t'April, 2008, din il-qorti diversament preseduta kienet laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni kawtelatorju li bl-ebda mod ma jassenjaw it-*"tender" de quo* lil terzi, u konsegwentement kellha tigi intavolata din il-procedura;

1.19. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.19.1. Tiddikjara li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq riferit datata s-7 ta' Marzu, 2008, rigwardanti t-*"tender"* in dizamina numru CT 359/2005 (Case No.119) hi nulla u minghajr effett stante li ttiehdet kontra d-disposizzjonijet tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici kontenuti fl-Avviz Legali 177 tal-2005 kif sussegwentement emendati;

1.19.2. Illi zzomm lill-intimati jew min minnhom milli jassenjaw u/jew jaghtu t-*“tender”* numru CT 359/2005 *de quo* jew parti minnu lil terzi;

1.19.3. Tawtorizza lill-intimati jew min minnhom biex jaghtu l-istess *“tender”* lir-rikorrenti;

1.19.4. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni li kkagunaw lir-rikorrenti;

1.19.5. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati;

1.19.6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment biex ihallsu d-danni hekk likwidati;

1.19.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

1.19.8. B’rizerva ta’ kull azzjoni ohra fil-ligi;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 ta’ Gunju, 2008, li permezz taghha l-intimati kollha flimkien sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 60):

2.1. Illi preliminarjament issollevaw is-segwenti:

2.1.1. Illi l-intimati Direttur Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani; “Welfare Committee” fi Hdan id-Dipartiment tal-Anzjani; u l-Avukat Generali, mhuwiex il-legittimi kontraditturi *ai termini* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2.1.2. Illi t-talba tar-rikorrenti hi inammissibbli *stante* li:

2.1.2.i. Vaga; u

2.1.2.ii. Id-dritt li fuqu hi bbazata l-azzjoni mhux identifikat;

2.1.3. Illi t-talba tar-rikorrenti mhix proponibbli *stante* li skont ir-regolament 83(19) tal-Avviz Legali 177 tal-2005, dan ir-rimedju hu biss ghad-disposizzjoni tal-offerent li jkun intavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici u li l-appell *de quo* ma jkunx gie akkolt;

2.1.4. Illi ghandha tigi **kjamata in kawza s-socjeta` li nghatat it-*tender*** *stante* li jekk tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti dik is-socjeta` tintlaqat avversament;

2.1.5. Illi l-intimat Direttur tal-Kuntratti hu ***separat u distint mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici***, u konsegwentement, kwalunkwe lanjanza ghandha tkun diretta lill-imsemmi Bord biss;

2.1.6. Illi r-rikorrenti qed tikkonfondi stharrig gudizzjarju m'azzjoni ibbazata fuq ir-regolament 82(4) tal-Avviz Legali *de quo stante* li appell f'dan ir-rigward kellu jigi intavolat fi zmien erbat(4) ijiem ta' xoghol u li dan l-appell ikun miftuh biss lil dak li t-*tender* tieghu ikun wasal fl-istadju finali tad-decizjoni, f'liema kaz it-terminu biex jigi intavolat l-appell relattiv ikun t'ghaxart (10) ijiem kalendarji;

2.2. Illi fir-rigward tal-mertu, jissollevaw sintetikament is-segwenti:

2.2.1. Illi fir-rigward tad-danni mitluba, l-azzjoni odjerna hi infondata;

2.2.2. Illi m'hemm l-ebda ness ta' kawzalita` bejn l-agir tal-intimati u d-danni pretizi;

2.2.3. Illi annullament t'att amministrattiv kommess minn awtorita` pubblika ma jwassalx ghall-ghoti ta' danni sakemm ma jkunx ipprovat li l-awtorita` pubblika agixxiet in *mala fede* b'mod irragonevoli, jew meta l-azzjoni mitluba mir-rikorrenti setghet tigi legalment u ragjonevolment michuda;

2.2.4. Illi ghaldaqstant, ir-raba` (4), il-hames (5), u s-sitt (6) talba tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.3. Salv risposti ulterjuri;

2.4. Bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-21 ta' Jannar, 2009, fejn wara talba appozita mill-abbli rapprezentanti legali ghall-istess, awtorizzat lill-intimat "*Welfare Committee*" fi hdan id-Dipartiment tal-Anzjani jipprezenta risposta guramentata ulterjuri, (ara foll 67);

4.0. Rat ir-risposta guramentata ulterjuri indikata fil-paragrafu precedenti datata l-11 ta' Frar, 2009, li permezz taghha l-*"Welfare Committee"* intimat sintetikament espona s-segwenti:

4.1. Illi kif del resto gia` sostna fir-risposta originali, hu mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 60), *stante* li m'ghandu l-ebda kontroll fil-procedura tat-*"tenders"*;

4.2. Illi hu l-intimat Direttur tal-Kuntratti li jassenja it-*"tenders"*;

4.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-procedura hawn inoltrata mir-rikorrenti hi applikabbli biss fil-kaz li offerta sottomessa tigi respinta, li hawn mhux il-kaz;

4.4. Illi l-kawza odjerna hi bbazata fuq allegazzjoni tar-rikorrenti li qed issosstni li l-Bord *de quo* injora r-regolamenti rigwardanti kuntratti pubblici billi gie akkolt appell li mhux suppost li sar;

4.5. Illi jirrizulta assodat li filwaqt li l-istess rikorrenti stess ippartecipat fis-smigh tal-appell in dizamina, f'din il-procedura qed issosstni li dan l-appell missu qatt ma sar, ghalkemm fl-istess appell ma ssollevat l-ebda rizerva f'dan is-sens;

4.6. Illi t-talbiet rigwardanti d-danni huma ukoll infondati *stante* li mhux responsabbli ghall-istess;

4.7. Illi m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-procedura;

4.8. Salv risposti ulterjuri ohra;

5. Rat id-digriet taghha kif fuq deskritta, (ara paragrafu numru tlieta, (3), aktar qabel), datat iz-17 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess, ordnat il-kjamata in kawza tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici, (ara foll 83);

6. Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat is-16 ta’ Marzu, 2010, li permezz tieghu appuntat lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma’ l-provi kollha tal-kaz, (ara foll 88);

7. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-13 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament li kien f’idejn l-assistent gudizzjarju fuq riferit jigi depozitat fl-atti ta’ din il-procedura, (ara foll 95);

8. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess, in-nomenklatura tal-imsemmi Bord giet sostitwita bil-kliem “Bord ta’ Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici”, (ara foll 182);

9. Illi d-digriet taghha datat l-24 ta’ Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 334), u kif sussegwentement estiz, (ara foll 386, 387, u 390 u 397);

10. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati Direttur tal-Kuntratti, tad-Direttur Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani; tal-*“Welfare Committee”* fi hdan id-Dipartiment tal-Anzjani; u tal-Avukat Generali, datata t-12 t’Ottubru, 2016; dik tal-*“Welfare Committee” de quo* datata l-4 ta’ Novembru, 2016, (ara foll 390 u 397); dik tar-rikorrenti datata t-8 ta’ Novembru, 2016, (ara foll 399 u 400); u finalment dik tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici datata s-16 ta’ Jannar, 2017, (ara foll 419);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi id-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti *in atti*, u l-atti tal-mandat t'inibizzjoni kawtelatorju numru 409/2008 fl-ismijiet ***Alexis Sciberras vs. Direttur tal-Kuntratti et*** hawn allegati;

13. Rat il-verbal datat il-21 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhom xejn x'izidu man-noti minnhom ipprezentati;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna skont ir-rikorrenti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi din il-procedura hi dipendenti fuq sejha partikolari ghall-offerti indikata bhala ***"Advert Notice 359/2005***," (ara paragrafu numru wiehed put wiehed, (1.1.), aktar qabel u foll 1), u ***CT 2575/2005***, (ara foll 9), u ***"Welfare Committee 09/2005"***, (ara foll 38 sa 41), ghall-hrieqi partikolari u assorbenti igenici intizi ghall-adulti, datata t-30 ta' Dicembru, 2005, (ara foll 241);

14.2. Illi l-process fir-rigward kien allura regolat mill-Avviz Legali Numru 177 tal-2005 kif sussegwentement emendat, (ara foll 241);

14.3. Illi r-rikorrenti tirrizulta li kienet wahda minn sitt (6) partecipanti fl-istess konkors, (ara foll 243);

14.4. Illi l-offerta in dizamina tirrizulta li kienet regolata bil-process maghruf bhala ***"tat-tliet (3) pakketti"*** skont ir-regolament 82 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04, (ara foll 241 u 242, u sussegwentement foll 14 sa 16);

14.5. Illi t-*"tender"* in dizamina originarjament inghata lir-rikorrenti, (ara foll 7);

14.6. Illi sussegwentement, wara appell intavolat quddiem dak li llum hu msejjah il-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici mis-socjeta` *Protex Limited*, (ara foll 98), l-istess Bord, b'decizjoni tas-7 ta' Marzu, 2008, iddecieda li ghar-raguni li r-rikorrenti odjerna ma kienitx ipprezentat

il-letteratura teknika necessarja rigward il-prodott in dizamina kif kienet marbuta taghmel skont il-kondizzjonijiet tas-sejha, l-istess rikorrenti odjerna kellha tigi skwalifikata, (ara foll 38 u 52);

14.7. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssosstni li l-appell in dizamina ma kienx wiehed regolari *stante* li dan ma sarx fi zmien erbghat (4) ijiem kif espressament stipulat fir-regolament 82(4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici applikabbli dak iz-zmien, (ara foll 99);

14.8. Illi konsegwentement titlob li l-istess decizjoni tal-Bord *de quo* ghandha tigi dikjarata nulla u minghajr effett, u li l-istess *"tender"* jerga jinghata lilha, (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi skont l-intimati, l-fatti jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

15.1. Illi skont ir-regolament 82(4) in dizamina jekk wiehed mit-tliet (3) pakketti fuq riferiti ma jkunx jissodisfa l-kriterji imposti fid-dokument tas-sejha, l-offerta in kwistjoni ma tibqghax tigi pprocessata aktar, bil-konsegwenza li l-offerent involut jigi skwalifikat, (ara foll 242);

15.2. Illi f'dan il-kaz, tali offerent hekk estromess mill-process aggudikattiv, ikollu l-fakulta` jikkontesta tali decizjoni quddiem il-Bord tal-Appell appozitament imwaqqaf, fi zmien erbat (4) ijiem ta' xoghol minn notifika ta' tali decizjoni, (ara foll 242);

15.3. Illi meta l-process aggudikattiv kollu jintemm, il-Kumitat Generali tal-Kuntratti jipprocedi billi jhabbar min, fil-fehma tieghu, ghandu jirbah il-kuntratt indikat fis-sejha *de quo*, (ara foll 242);

15.4. Illi f'dan l-istadju kull offerent interessat jista' jappella tali decizjoni quddiem il-Bord tal-Appell in dizamina fi zmien erbatax- (14) il gurnata kurrenti mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni *de quo*, (ara foll 242);

15.5. Illi d-decizjoni in appell hawn riferita tkun finali;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-procedura kif fuq deskritta jirrizulta li jezistu zewg (2) tipi ta' rimedji separati u distinti minn xulxin:

**A. Rimedju taht ir-Regolament 82 (4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, (ara paragrafu numru hmistax punt wiehed, (16.1.), aktar 'l quddiem):**

**B. Rimedju taht ir-Regolament 83 (1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, (ara paragrafu numru hmistax punt hamsa, (16.5.), aktar 'l quddiem:**

**A. Regolament 82 (4):**

16.1. Illi dan hu rimedju rizervat ghal dawk l-offerenti li jigu skwalifikati waqt xi wiehed mit-tliet (3) stadji tal-process aggudikattiv, (ara foll 242);

16.2. Illi tali offerent hekk skwalifikat jista' anke f'dan l-istadju, jappella minn tali decizjoni biex b'hekk ikun jista' jerga' jintrometti ruhhu fil-process aggudikattiv;

16.3. Illi konsegwentement dan il-process hu esklussivament riservat ghal offerent li jkun gie skwalifikat;

16.4. Illi allura ma jistax jintuza minn offerent bil-ghan li jiskwalifika lil xi offerent iehor li jkun ghadda minn wiehed mill-istadji tal-offerta;

**B. Regolament 83 (1):**

16.5. Illi dan ir-rimedju jiskatta meta l-fazi aggudikattiva tkun kompletament terminata, (ara foll 243);

16.6. Illi kull offerent li ma jkunx jaqbel mad-decizjoni tal-ghoti tal-kuntratt mill-Bord tal-Kuntratti jista' jintroduci appell quddiem Bord tal-Appell appozitu, (ara foll 243);

16.7. Illi ghalhekk appellant ikun jista' jezamina l-aggudikazzjoni tal-kuntratt *de quo* u jghid ghaliex il-kuntratt moghti jippekka skont ir-regolamenti vigenti u ghalhekk mhux misthoqq, (ara foll 243);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi r-rikorrenti nghatat il-kuntratt *de quo* mill-Bord tal-Kuntratti b'decizjoni datata l-20 ta' Gunju, 2007, (ara foll 7);

17.2. Illi wara appell inoltrat mis-socjeta` konkorrenti *Protex Limited*, b'decizjoni datata s-7 ta' Marzu, 2008, il-Bord tal-Appell iddecieda favur is-socjeta` appellanti, (ara foll 52) *stante* li r-rikorrenti odjerna kienet naqqset li tipprovdi l-letteratura teknika fir-rigward, liema letteratura kienet rekwizit deskritt mill-istess Bord tal-Appell bhala kondizzjoni *sine quo non*, (ara foll 52);

17.3. Illi fit-18 ta' Marzu, 2008, ir-rikorrenti talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju fil-konfront ta' uhud mill-intimati odjerni li kien akkolt provizorjament fl-istess data indikata u sussegwentement akkolt b'mod definittiv fil-15 t'April, 2008, (ara atti tal-mandat t'inibizzjoni Rikors Numru 409/2008 anness mall-atti tal-procedura odjerna);

18.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari tal-intimati abbazi tal-artiklu ***181B tal-Kap 12*** fuq riferit, jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi l-artiklu in dizamina jistipula s-segwenti:

> "(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

18.2. Illi l-lanjanza tar-rikorrenti tindirizza il-mod kif giet ipprocessata s-sejha ghall-offerti in dizamina;

18.3. Illi f'dan ir-rigward, biex jintlahaq l-ghan hawn deskritt tar-rikorrenti jirrizulta pacifiku li ma kienx mehtieg li jigu traxxinati f'din il-procedura d-Direttur Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani, l-"*Welfare Committee*" fi hdan id-Dipartiment tal-Anzjani; u l-Avukat Generali;

18.4. Illi effettivament ghandu wkoll ikun pacifiku li l-presenza tal-intimat Direttur tal-Kuntratti hi legalment sufficjenti ghall-ghanijiet indikati fil-lanjanza tar-rikorrenti;

18.5. Illi ghalhekk l-istess intimati hawn indikati mhumiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentment l-istess ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

18.6. Illi konsegwentement it-talba tal-imsemmija intimati fir-rigward ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fir-rigward tal-mertu in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi dan hu bbazat fuq il-kundizzjonijiet tat-*"tender"*, (ara foll 8 *et sequitur*), u fuq l-Avviz Legali 177 tal-2005, partikolament ir-regolament 82(4) tal-istess, u fuq ir-rikjesta ghad-danni ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

19.2. Illi r-regolament 82 (4) tal-Avviz Legali fuq riferit jistipula s-segwenti:

> "Ilment li jsir mill-offerent milqut u minn kull persuna li ghandha jew kellha interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari ghandu jasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew ghand l-awtorita` kontraenti involuta, skont ma jkun il-kaz, fi zmien erbat ijiem minn meta jinghata avviz tad-decizjoni";

19.3. Illi jigi sottolineat li tali regolament indikat fil-paragrafu precedenti japplika biss ghal min jigi skwalifikat f'xi wiehed mill-istadji tal-process komunement maghruf bhala tal-*tliet (3) pakketti*;

19.4. Illi ghandu jkun pacifiku li wara analizi tal-fatti rizultanti ghandu jigi ribadit li r-regolament in dizamina li fuqu

tistrieh ir-rikorrenti, mhux applikabbli ghall-appell interpost mis-socjeta` *Protex Limited stante* li din is-socjeta` tirrizulta li applikata wara li l-aggudikazzjoni kienet gia` terminata u kien gia` thabbar min kien rebah il-kuntratt in dizamina;

19.5. Illi ghalhekk, fir-rigward tal-appell inoltrat mill-imsemmija socjeta` *Protex Limited* kien japplika r-regolament 83(1) tal-istess Avviz Legali 177 tal-2005, Regolamenti tal-2005 dwar Kuntratti Pubblici, liema regolament jistipula s-segwenti:

> "Offerent li hjoss ruhhu aggravat minn ghoti ta' kuntratt li jkun propost, u kull persuna li jkollha jew li darba kellha interess li tikseb xi kuntratt ta' provvista pubblika, servizzi pubblici, jew xogholijiet pubblici partikolari, u li jkunu sofrew hsara jew qeghdin jirriskjaw li jsofru hsara bi ksur allegat, jistghu, f'zmien erbatax- il gurnata mill-pubblikazzjoni tad-decizjoni, jipprezentaw avviz ta' oggezzjoni fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-awtorita` kontraenti involuta skont ma jkun il-kaz";

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tal-premess ghandu allura jkun pacifiku li s-socjeta` *Protex Limited* setghet tintavola l-ilment taghha biss quddiem il-Bord tal-Appelli *de quo* taht ir-regolament 83 (1) tal-Avviz Legali *de quo*;

21. Illi ilment *ai termini* tar-regolament 82(4) tal-Avviz Legali *de quo* seta' jsir biss meta jkun hemm decizjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li jwarrab offerta fil-fazi aggudikattiva;

22. Illi fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li kien hemm decizjoni kif ipotizzat fil-paragrafu precedenti;

23. Illi konsegwentment ma jirrizulta li kien hemm xejn irregolari dwar l-appell interpost mis-socjeta` Protex Limited u b'hekk, l-istess appell seta' jitressaq;

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti m'ipprovatx l-ewwel talba minnha inoltrata, (ara foll 4), *stante* li l-appell intavolat mis-socjeta` *Protex Limited* kien intavolat a bazi tar-regolament 83 (1) tal-Avviz Legali *de quo*, (ara paragrafu numru tmintax punt hamsa, (18.5.), aktar qabel);

25. Illi t-talbiet sussegwenti tar-rikorrenti, (ara foll 4), jirrizultaw ilkoll dipendenti fuq din l-ewwel talba taghha, - li hi essenzjalment talba ghal dikjarazzjoni li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell *de quo* hi nulla u minghajr effett, u konsegwentement, gialadarba qed tigi respinta din l-ewwel talba tar-rikorrenti, ma tirrizultax il-htiega li jigu indirizzati t-talbiet l-ohra peress li kollha jiddependu mill-istess l-ewwel talba in dizamina;

26. Illi konsegwentement lanqas it-talbiet sussegwenti tar-rikorrenti ma ghandhom jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovatx it-talbiet taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

27.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

27.2. Takkolji r-risposti preliminari tal-intimati kkoncernati fuq riferiti u ghalhekk tiddikjara li mhumiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

27.3. Tillibera ghalhekk lill-intimati Direttur Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani; *"Welfare Committee"* fi hdan id-Dipartiment tal-Anzjani; u l-Avukat Generali, mill-osservanza tal-gudizzju;

27.4. Takkolji t-talbiet l-ohra tal-intimat Direttur tal-Kuntratti;

27.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**